MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 595/2012

**Galdes & Mamo Limited (C-450)**

**vs.**

**Dolphin Industrial Services Limited (C-28232)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€954.42c) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, rapprezentanti hlas fuq prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta ai termini tal-prospett esebit fol. 2 tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li, ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra illi fl-udjenza taghha datata 25 t'Ottubru 2012, id-difensur tas-socjeta`  konvenuta pprezentat u qrat nota t'ammissjoni, illi permezz tal-istess nota hija ammettiet it-talba kif dedotta.

Illi t-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-seduta odjerna ghas-sentenza.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess socjeta' konvenuta, jilqa` t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€954.42c), bl-imghax legali dekorribbli mit-28 ta' Awissu 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------